## AVVIŻ FUQ IL-WEBSITE

Biex jonoraw l-importanza tal-kitba għat-teatru f'kull forma u manifestazzjoni tagħha madwar id-dinja, l-ASSITEJ ser jerġa' jagħti ġieħ lil 3 persuni bħala "ASSITEJ INSPIRATIONAL PLAYWRIGHTS" waqt il-World Congress Festival ġewwa Havana f'Kuba, f'Mejju tal-2024.

Il-kittieba li ġew imsemmija fil-Cradle of Creativity Festival ġo CApe Town fl-2017: Kevin Dyer (UK), Suzanne Lebeau (Canada) and Rene Fernandez Santana (Cuba). Fl-2021 fil-Mirai Festival f'Tokyo kienu Maria Ines Falconi (Argentina), Omphile Molusi (South Africa) and Suzan Zeder (USA).

Dawn ser ikunu amministrati taħt il-ġurija magħmula min-network ta' *Write Local Play Global* bi sħab mall-Kumitat Eżekuttiv tal-ASSITEJ.

L-essenza ta' xogħolna huwa dak li ngħidu l-istejjer tagħna fuq il-palk, u dan il-premju huwa maħluq biex jagħti unur lil kittieba li spiraw teatru għal udjenza żgħira u żgħażugħa f'belthom, fir-reġjun tagħhom jew madwar id-dinja. Aħna ser nilqgħu nominazzjonijiet ta' kittieba emerġenti, li qegħdin f'nofs il-karriera tagħhom jew dawk stabbiliti. Dan mhux premju maħsub biex ikun 'lifetime achievement award', minkejja l-fatt li jista' jingħata lil kittieb/a b'xogħol impressjonanti li sar fuq medda twila ta' żmien ukoll. Fl-istess ħin, kittieb/a tal-palk żgħażugħ/a li jipprometti u hu/hi t'ispirazzjoni j/tista' j/tkun innominat/a ukoll.

Il-mod ta kif jistgħu jkunu t'ispirazzjoni jista' jkun partikolari u b'mod individwali u jista' jinkludi l-fatt li:

- kitbu dramm jew drammi innovattivi fil-kontenut u/jew forma li għenu biex żviluppa t-teatru għaż-żgħar f'pajjiżhom
- huma mentors u role models għal kittieba oħra
- jiktbu xogħol li hu konxju minn sfidi politiċi jew soċjali mżewġa mat-tradizzjoni jew poter ta' pajjiżhom jew ir-reġjun tagħhom
- bis-saħħa ta' xogħolhom jinkoraġġixxu l-udjenzi biex iħarsu lejn nies oħra, id-dinja u l-avvenimenti tagħha b'mod iktar profond u uman.

Ser ikun dak/dik li jinnomina li jgħid l-istorja ta' kif il-kittieb/a li nnominaw huma t'ispirazzjoni.

Li jiġu onorati 3 kittieba t'ispirazzjoni f'kull kungress jagħti l-opportunità lill-ASSITEJ biex jiċċelebraw il-varjetà ta' membri differenti ta' ġeneru, etajiet, sfondi, kulturi, reġjuni u lingwi tagħhom. Il-membri tal-ASSITEJ ġejjin minn pajjiżi kbar u żgħar, jaħdmu għal u ma' udjenzi ta' etajiet differenti u joħolqu teatru b'proċessi varjati. L-ASSITEJ Inspirational Playwrights ser jitfgħu dawl mhux biss fuq id-diversità tal-forma u temi fil-kitba għat-teatru madwar id-dinja, imma anki fuq il-fatt li tilqa' fiha membri li huma kittieba u artisti i joħolqu t-teatru ta' talent fuq livell globali.

Apparti l-istedina għaċ-ċerimonja u riċeviment għal meta l-kittieba t'ispirazzjoni jitħabbru, l-organizzaturi tal-kungress ser ikunu mistiedna biex jaħdmu mal-EC, *WLPG* u l-kittieba magħżula sabiex jaqsmu xogħolhom b'mod kreattiv, bħal rappreżentazzjonijiet, traduzzjonijiet, qari eċċ.

**In-nominazzjonijiet jagħlqu fil-15 ta' JANNAR 2024.**

# KRITERJI U INFORMAZZJONI DWAR IN-NOMINAZZJONIJIET

## KRITERJI GĦALL-GĦAŻLA

Ħafna premji jonorow ‘l-aqwa’ jew ‘l-aħjar’. Meta l-EC tal-ASSITEJ talab lin-network joħloq dan il-premju, it-tim tat-tmexxija innota li huwa impossibbli li wieħed jagħżel ‘l-aqwa’ kittieb/a għat-teatru tat-tfal u żgħażagħ, minħabba l-lingwi u tradizzjonijiet teatrali differenti. Allura iddeċiedejna li noħolqu premju li jagħti ġieħ lis-sens t’ispirazzjoni li jagħtu dawn l-individwi - ser ikun hemm 3 kittieba li jkunu t’ispirazzjonijiet f’belthom, f’pajjiżhom, fir-reġjun tagħhom jew anki fid-dinja tal-ASSITEJ f’kull ASSITEJ Congress u Festival. In-nominati li ser ikunu onorati għandu ikunu minn reġjuni differenti tad-dinja, u joffru diversità t’etajiet, etniċitajiet, tradizzjonijiet reliġjużi, ġeneri u tradizzjonijiet tal-kitba. L-istejjer ta’ kif dawn il-kittieba huma t’ispirazzjoni għandhom jagħmlu sens mal-bqija tal-familja tal-ASSITEJ.

Aħna nifhmu li m’hemmx mod li wieħed jagħti tifsira għall-kelma ‘t’ispirazzjoni’, u nilqgħu modi differenti ta’ kif kull persuna li ser tinnomina tifhem it-tifsira ta’ din il-kelma u kif dak/dik innominat/a kien t’ispirazzjoni. L-enfasi għandha tkun fuq xogħolhom - jista’ jkun ix-xogħol kollu tagħhom, il-metodoloġija li jużaw jew drammaturġija speċifika, jew dramm partikolari - u kif dan għamel effet u ġab bidla fit-teatru għat-tfal u żgħażagħ f’belthom, pajjiżhom, jew reġjun tagħhom fuq kwalunkwe livell. Nilqgħu nominazzjonijiet t’awturi emerġenti, li qegħdin f’nofs il-karriera tagħhom jew dawk stabbiliti. Dan mhux premju maħsub biex ikun ‘lifetime achievement award’, minkejja l-fatt li jista’ jingħata lil kittieb/a b’xogħol impressjonanti li sar fuq medda twila ta’ żmien ukoll. Fl-istess ħin, kittieb/a tal-palk żgħażugħ/a li jipprometti u hu/hi t’ispirazzjoni j/tista’ j/tkun innominat/a ukoll.

## IN-NOMINAZZJONIJIET

In-nominazzjonijiet huma miftuħa għal kittieba tat-teatru li jiffukaw fuq xogħol għat-tfal u żgħażagħ. Jistgħu jintbagħtu nominazzjonijiet minn membri tal-ASSITEJ (kemm minn ċentri nazzjonali jew networks), kif ukoll dawk li għandhom x’jaqsmu ma’ xi ASSITEJ Affiliate. L-awturi nnominati m’għandhomx għalfejn ikunu membri ta’ *Write Local Play Global,* minkejja li jistgħu jissieħbu b’xejn u huma mħeġġa biex jingħaqdu.

Dawk li jinnominaw għandhom jagħtu spjegazzjoni tal-ispirazzjoni, impatt u vuċi unika tal-kittieb/a,

- Il-kittieb/a kif jispiraw artisti tat-teatru u l-udjenzi?
- B’liem mod hu/hija ċċelebrat/a f’xogħolu/ha dan/din l-artist/a? Tista’ turi dan billi tinkludi riċensjonijiet, artikli, premji? Jista’ anki jkun hemm reazzjonijiet t’artisti u udjenzi.
- Kif hi unika l-vuċi ta’ din/dan il-kittieb/a?

- Il-familja tal-ASSITEJ kif tista’ tgawdi milli ssir taf x-xogħol ta’ din/dan il-kittieb/a?
-

Il-panel tal-ġurija ser jinkludi membri mit-tim ta’ WLPG u konsuleti artistiċi, Inspirational Playwright mill-passat u oħrajn li ser joħolqu bilanċ fuq livell ta’ età, ġeneru, professjoni, reġjuni tad-dinja, kif ukoll minn tal-inqas memberu wieħed mill-EC tal-ASSITEJ.

Kull nominazzjoni jeħtieġ li jkollha dawn:

- aplikazzjoni mimlija fis-sħiħ
- resume, CV, u biografija tal-kittieb/a
- silta ta’ mhux aktar minn 5 paġni minn dramm li l-kittieb iħoss jirrappreżenta xogħolu/ha
- kitba ta’ mhux iktar minn 500 kelma li tispjega kif il-kittieb/a hu/hi t’ispirazzjoni li tinkiteb mill-persuna li qed tagħmel in-nominazzjoni - jekk joġġħbok kun speċifiku u personali.
- mhux aktar minn 3 eżempji ta’ riċensjonijiet, essays, kritika.
- l-applikazzjoni tista’ tkun fil-lingwa ta’ min qed jinnomina, imma jekk dik il-lingwa mhix l-Ingliż jeħtieġ li l-materjal ikun maqlub għall-Ingliż.

**2024 ASSITEJ INSPIRATIONAL PLAYWRIGHTS FORMOLA T'APPLIKAZZJONI**

**ISEM TAL-KITTIEB/A INNOMINAT/A** ______________________________________________

BELT U PAJJIŻ : ______________________________________________________

INDIRIZZ TAL-EMAIL: ___________________________________________________________

**ISEM TA' MIN QED JINNOMINA:**___________________________________________________

BELT U PAJJIŻ: ______________________________________________________________

INDIRIZZ TAL-EMAIL:_____________________________________________________________

ASSITEJ AFFILIATION (National Center, Network, connection to an ASSITEJ Affiliate)
____________________________________________________________________

Jekk joġgħbok ibgħat din l-applikazzjoni u kull ħolqa oħra lil: **wlpg.tya@gmail.com**

**IN-NOMINAZZJONIJIET JAGĦLQU FIL-15 TA' JANNAR 2024**

**GĦAL KULL ĦOLQA**

- Jekk joġgħbok immarka kull ħolqa bl-isem tal-kittieb/a. Eżempju, Bertolt_Brecht_Resume.doc, or Rabindranath_Tagore_Writing Sample.doc
- Jekk jogħġbok ibgħat biss: .doc, .docx, PDF, or .jpeg files.

1) RESUME/CV/BIJOGRAFIJA TAL-KITTIEB/A INNOMINAT/A
2) SILTIET MIX-XOGĦOL TIEGĦU/TAGĦHA
3) ESSAY DWAR KIF IL-KITTIEB/A KIEN/ET T'ISPIRAZZJONI
4) MHUX AKTAR MINN 3 EŻEMPJI TA' RIĊENSJONIJIET, ESSAYS, KRITIKA.